



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 5 ta' Diċembru 2011 (06.12)
(OR. en)**

18132/11

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0395 (NLE)**

**EEE 56
TRANS 348
AVIATION 261**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	2 ta' Diċembru 2011
Nru dok. Cion:	SEC(2011) 1449 finali
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Anness XIII (Trasport)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: SEC(2011) 1449 finali



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 1.12.2011
SEG(2011) 1449 finali

2011/0395 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE
rigward emenda għall-Anness XIII (Trasport)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġenità meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-Komunità fil-Ftehim taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tagħha.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness XIII (trasport) billi jżid acquis Komunitarju ġdid f'dan il-qasam. Dan jikkonċerna r-Regolament (UE) tal-Kummissjoni Nru 255/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru li għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim. Qiegħda tiġi proposta deroga għal-Liechtenstein, u dan meta jiġi kkunsidrat li trid titqies is-sitwazzjoni partikolari ta' dan il-pajjiż fir-rigward tal-avjazzjoni ċivili (jiġifieri attivitajiet limitati ferm, b'heliport wieħed biss). Fuq il-bażi ta' ftehim bilaterali, il-kwistjonijiet marbuta mal-kontroll tal-ajru tal-Liechtenstein jinsabu f'idejn l-Isvizzera.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni għal Deċiżjonijiet bħal dawn, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għal addozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE
rigward emenda għall-Anness XIII (Trasport)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 100(2) u 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Anness XIII għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, ("il-Ftehim taż-ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi fir-rigward tat-trasport.
- (2) Ir-Regolament (UE) tal-Kummissjoni Nru 255/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru¹ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (3) L-Anness XIII għall-Ftehim taż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.
- (4) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż

¹ ĠU L 80, 26.3.2010, p. 10

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XIII għall-Ftehim taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru

ta'

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru.../... ta'¹.
- (2) Ir-Regolament (UE) tal-Kummissjoni Nru 255/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru² għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 66wh (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 262/2009) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

‘66wi. **32010 R 0255:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 10).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Dan ir-Regolament m'għandux ikun applikabbli għal-Liechtenstein.”

¹ ĠU L ...

² ĠU L 80, 26.3.2010, p. 10.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 255/2010 li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-[...], sakemm ikun saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, .

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.] [Ħtiġijiet kostituzzjonali huma indikati.]